# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 24 ta' Ottubru 2024**

**Każ Nru: 2/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Natasha Zammit**
**(K.I. 254891M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' Natasha Zammit, mwielda fl-14 ta' Mejju, 1991, l-Pieta', bint Christopher Pace u Fiona Maria Pace *nee* Caruana, detentriċi tal-Karta tal-Identità nru 254891M u residenti 166, Seabreeze, P/H 9, Dawret it-Tunnara, Mellieħa u ċioé:

> ***Akkużata talli nhar l-21 ta' Lulju, 2022 u fil-ġimgħat u x-xhur preċedenti, ġewwa dawn il-Gzejjer Maltin, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda (Art.18 Kap.9):***

1. *Bħala sid il-kera jew amministratur tal-fond Lowndes Court, Flat 14, Triq Nazju Ellul, Gzira bi ksur tal-ligijiet u regolamenti applikabbli, naqset li tirreġistra l-kirja tal-imsemmi fond lil Rayane Mohand Amiar u Hugo Patrick Cesmat mal-Awtorita' tad-Djar. Art.3, 4, 4(2) Kap.604, Art.22(1) Kap.604.*

   *Ghaldaqstant, il-Qorti hija mitluba bir-rispett tordna lill-ħati, ai termini tal-Artikolu 22(1) Kap. 604, sabiex iħallas il-penali skont il-Liġi, għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati u ċioé multa ta' mhux inqas minn elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) u mhux aktar minn għaxart elef Ewro (€10,000).*

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-4 ta' April 2024[1] meta instemgħet ix-xhieda ta' Mario Magro.

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024[2] fejn instemgħet ix-xhieda ta' Hugo Cesmat u Indre Alekseriunaite. Dakinhar instemgħet ukoll it-trattazzjoni finali[3].

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Settembru 2024[4] permezz ta' liema l-proċeduri tħallew għas-sentenza għal-lum.

Rat l-atti proċesswali kollha.

[1] Verbal relattiv jinsab a fol 7 tal-proċess.
[2] Verbal relattiv jinsab a fol 24 tal-proċess.
[3] Debitament reġistrata u traskritta kif ordnat. Din tibda a fol 44 tal-proċess.
[4] Dan jinsab a fol 39 tal-proċess.

**Ikkunsidrat**

1) **Fatti u provi**

Illi din il-kawża tikkonċerna n-nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' skrittura ta' kera skond dak li jrid il-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta[5].

Illi f'dawn il-proċeduri xehed Mario Magro, rappreżentat tal-Awtorità tad-Djar[6]. Jgħid li huwa jaħdem fil-*compliance section* fi ħdan l-Awtorità tad-Djar. Jgħaddi sabiex jeżebixxi kopji ta dokunmeti relattivi għal dan il-każ u jindika l-indirizz tal-post in kwistjoni. Fil-kontro-eżami[7] jgħid li ma saritx riċerka fuq xi postijiet oħra tal-imputat u jekk dawn kienux reġistrati. Dak kollu li jaf huwa dak li qallu l-allegat inkwilin. Ma jistax jgħid jekk l-inkwilin okkupawx il-fond.

Illi xehed ukoll Hugo Patrick Cesmat[8]. Jikkonferma li kienet l-imputat li kriet il-fond lilu. Il-kera kienet titħallas lilha. Jikkonferma li telaq mill-fond f'Lulju tas-sena 2022 u li l-kuntratt kien beda f'Diċembru 2021. Fil-kontro-eżami[9] ma jistax jikkonferma jekk l-imputata ffirmatx għan-nom ta' xi soċjetà.

Illi xehed ukoll Indre Alekseriunaite[10]. Huwa *manager* fi ħdan l-aġenzija li ħadet ħsieb il-kirja u jikkonferma li dan il-fond kien mikri lil Hugo. L-imputata għandha numru ta' propjetajiet (u anke missierha) u l-aġenzija m'għandhiex esklussivita' fuq il-propjetajiet kollha. L-imputata hija klijenta. Fil-kontro-

[5] Kif kien fi żmien tal-allegat reat, u allura qabel l-emendi tal-Att XX tas-sena 2024.
[6] Xhieda mogħtija fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2024 u tibda a fol 7 tal-proċess.
[7] Imwettaq fl-istess seduta u jibda a fol 12 tal-proċess.
[8] Xhieda relattiva tibda a fol 25 tal-proċess.
[9] Dan jibda a fol 29 tal-proċess.
[10] Xhieda relattiva tibda a fol 31 tal-proċess.

eżami[11] jikkonferma li hu ma kienx preżenti għall-iffirmar tal-kuntatt. Jaħseb li l-imputata iffirmat f'isimha personali u mhux għan-nom ta' xi soċjetà, iżda ma jistax jikkonferma.

Illi l-intimata għażlet li ma tagħtix il-verżjoni tagħha f'dawn il-proċeduri. Bl-istess mod, skond ir-rapport eżebit, l-intimata għażlet ukoll li teżerċita d-dritt tagħha tas-silenzju anke fl-istadju tal-investigazzjoni[12].

**2) Mertu**

Illi qabel xejn din il-Qorti tissenjala li hija taqbel (u hi stess kellha issa diversi okkażjonijiet ttenni) ma sentenzi oħra dwar ir-rekwiżiti ta' dan ir-reat u ċioé li sabiex jiġi ppruvat dan ir-reat ma hemmx ħtieġa li wieħed jeżamina l-intenzjoni kriminuża għaliex huwa reat li min-natura tiegħu jitqies bħala wieħed ta' *strict liability*[13]. Din il-Qorti issa kemm il-darba stqarret dan, għaliex ir-reat hawn kontemplat għandu jitqies bħala *regulatory offence*[14] u jiskatta fil-ħin u l-mument li jgħaddu l-għaxar t'ijiem li tagħti l-liġi għar-reġistrazzjoni[15], dan jibqa' jipperdura sakemm is-sid jirreġistra l-kuntratt. Riċentement, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) wkoll aċċettat li din hija n-natura vera tal-

[11] Dan jibda a fol 34 tal-proċess.
[12] Ara għeluq tar-rapport relattiv li jinsab a fol 5 tal-proċess.
[13] Issir referenza (fost issa diversi) għas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs James Sammut** ***et***, mogħtija minn din il-Qorti kif hemm preseduta nhar is-27 ta' Marzu 2023. Għal dak li jiswa mbagħad, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tagħha fl-ismijiet **The Police vs Maruizio D'Apice,** deċiża nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata).
[14] Għal definizzjoni tajba ta' dan it-terminu, fost diversi, ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dylan Grech,** (app Nru: 371/2023) mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-28 ta' Awwissu 2024.
[15] L-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk: *"Għandu jkun* ***dmir*** *ta' sid il-kera li jirreġistra, fi żmien għaxart (10) ijiem mill-bidu tal-kirja, il-kuntratt ta' kiri residenzjali privat mal-Awtorità"*

offiża hawn mistħarrġa. Issir referenza (u l-Qorti qiegħda tiddedieċi li tagħmel dan fil-korp ta' din is-sentenza u mhux f'notament t'isfel[16]) għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Manuela Tabone Micallef,</u>** (App Nru: 288/2023) mogħtija nhar il-24 ta' Mejju 2024 fejn dik il-Qorti qalet hekk:

> *"Illi l-appellanti hawn għandha żball. Dan għaliex minn imkien mis-sentenza appellata ma jidher illi l-Ewwel Qorti qieset li kien hemm xi forma ta' premeditazzjoni fl-aġir tagħha. Qieset ġustament l-Ewwel Qorti, illi peress illi għar-reat addebitat lill-appellanti għandu japplika l-prinċipju tal hekk imsejjaħ 'strict liability', kwindi tonqos il-ħtieġa li jkun hemm l-element formali għalbiex tirriżulta l-ħtija, billi għal dawn it-tip ta' reati l-att materjali waħdu huwa biżżejjed għal konsumazzjoni tiegħu mingħajr ma jkun hemm l-element intenzjonali kriminuż, bil-persuna mputata bir-reat, madanakollu jkollha il-jedd tqanqal dawk id-difiżi li jidhirlha xierqa sabiex teżimi ruħha mir-responsabbilta' penali, ħaġa li l-appellanti tonqos milli tagħmel. Ifisser għalhekk illi bil-fatt waħdu li fl-ewwel lok il-kirja ma kenitx irreġistrata, u fit-tieni lok l-kuntratt tal-kera kien nieqes minn wieħed mir-rekwiżiti essenzjali tiegħu għal fini ta' reġistrazzjoni[17], kwindi ir-reat jirriżulta ippruvat, bl-appellanti ma tressaq ebda prova kuntrarja sabiex teżimi ruħha mill-ħtija."*

Illi allura filwaqt li hija ammessa d-difiża tal-iżball raġunat, jingħad fl-ewwel lok li l-oneru kien fuq l-imputat li jikkonvinċi lill-Qorti, sal grad tal-probabbli,

---

[16] Hekk kif għamlet fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Dorianne Abdilla,</u>** (Każ Nru: 3/2024) mogħtija fid-19 ta' Settembru 2024 (pendenti l-appell).

[17] Huwa t'interess li din il-parti taċ-ċitazzjoni tagħti interpretazzjoni differenti minn oħra mogħtija mill-istess qorti (diversament preseduta) li sabet li ma jistax ikun hemm ksur jekk il-kuntratt jkollu mankanzi fiħ li jrendu impossibbli r-reġistrazzjoni. Ir-referenza hija għas-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Ruth Vella Galea,</u>** (App Nru: 3/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' Diċembru 2022.

li huwa kkometta żball essenzjali u inevitabbli, fis-sens li kellu juri l-prudenza u diliġenza kollha meħtieġa sabiex ir-reat ma jseħħx[18].

Illi għalhekk **l-intenzjoni** ta' persuna imputata b'dan it-tip ta' reat, ma tiċċentra xejn u hija difiża bla fejda[19].

---

[18] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claydon Mifsud, (App Nru: 8/ 2023)** mogħtija mil-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Settembru 2023 fejn ġie amplifikat hekk: *"Skont il-Professur Mamo il-każijiet ta' 'strict liability' jammettu wkoll difiża fuq 'reasonable mistake of fact'. Ġurisprudenza kostanti tqis li mhux kull 'żball' jew 'mistake of fact' huwa ammess bħala difiża biex wieħed jeżimi ruħu mir-responsabilita' kriminali dwar ksur ta' xi liġi. Dan l-iżball irid ikun wieħed essenzjali nonche' li jolqot wieħed mill-elementi essenzjali tar-reat u jrid ikun ukoll inevitabbli tant li anki jew huwa juża' d-diliġenza u l-prudenza kollha meħtieġa, xorta waħda kien jaqa' f'dan l-istess żball. Huwa biss jekk l-akkużat jirnexxilu jipprova dawn iż-żewġ elementi li tiġi newtralizzata rresponsabilita' kriminali. Fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Hadrian Busietta deċiż nhar it-28 ta' April 2010 ġie ritenut: Din il-Qorti ma taqbilx. Apparti li zball ta' fatt, biex jinnewtralizza rresponsabbilta` penali, irid ikun zball 'essenzjali' (jigifieri zball dwar xi wiehed mill-elementi mehtiega ghall-ezistenza tar-reat – f'dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni dwar l-essenzjalita` ta' l-izball), fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) in dizamina jrid ikun ukoll zball 'inevitabbli', cioe` li ma setax jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni normali. "Din il-Qorti ma taqbilx. Apparti li zball ta' fatt, biex jinnewtralizza r-responsabbilta` penali, irid ikun zball 'essenzjali' (jigifieri zball dwar xi wiehed mill-elementi mehtiega ghallezistenza tar-reat – f'dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni dwar lessenzjalita` ta' l-izball), fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) in dizamina jrid ikun ukoll zball 'inevitabbli', cioe` li ma setax jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni normali. . Hekk ukoll fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Rennie sive Nazzareno Agius deċiż nhar il-11 ta' Lulju 2002, ġie mistqarr: Illi umbaghad dik il-parti tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata fejn intqal li l-Libjan waqqa' lill-appellat fi zball , li ovvjament qed tirriferi ghal zball ta' fatt jew "mistake of fact" , ukoll ma tidhirx accettabbli , ghaliex biex zball ta' fatt ikun skuzanti fil-kaz tad-dritt penali , hemm bzonn li mhux biss ikun zball ta' natura essenzjali , imma irid ikun "INEVITABBLI" (emfasi tal-Qorti). Jigifieri anki kieku l-appellat verament emmen li l-libjan kellu permess jew licenzja biex jahdem hawn Malta u mhux biss kellu passaport biex ikun Malta , dan it-twemmin zbaljat ma kienx wiehed inevitabbli . Ghaliex kif jghid l-istess Prof. Sir. Anthony Mamo (ibid. p. 98):- "The mistake must be 'inevitable', that is, such that it could not be avoided by the exercise of reasonable care.*

[19] Fost oħrajn, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andy Buttigieg,** (App Nru: 209/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Jannar 2023 fejn ġie spjegat hekk: *".... il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant fejn dan jivvanta kif ma setax jinstab ħati ta' dawn ir-reati lilu imputati minħabba n-nuqqas li jiġi ppruvat l-element formali tar-reat. Fl-insenjamenti tal-Professur Mamo, reati li jitqiesu 'strict liability offences' huma eċċezzjoni għar-regola 'actus non facit reum nisi mens sit rea'. Jgħid hekk imbagħad fuq dan il-kunċett: Strict liability offences do not require proof of fault and provide for a defence of an honest and reasonable mistake of fact. It is generally considered justified to impose strict liability to protect public health, safety and the environment. It may also be imposed for regulatory offences. The general principle is that*

Illi huwa t'interess (f'dan il-każ wieħed purament akkademiku għaliex ir-reat hawn diskuss irid ovvjament jiġi eżaminat skond kif kien fiż-żmien tal-allegat ksur tiegħu) li riċentement, l-leġislatur ħass il-ħtieġa li jispeċifika li min jidħol f'kuntratt mhux validu jista' jitressaq bi ksur tal-Kapitolu 604 għal dak in-nuqqas biss[20]. Fil-fatt **illum** (u jerġa jingħad din id-dispożizzjoni ma ssibx applikazzjoni fil-każ tal-lum) l-artikolu 22(1)(a) tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> (1) *Kull persuna li: (a) tinstab tikkonċedi kwalunkwe dar ta' abitazzjoni, jew kwalunkwe spazju separat ġewwa dar ta' abitazzjoni, għal skop residenzjali, lil xi persuni li ma jkunux is-sidien tad-dar ta' abitazzjoni u li jkunu qegħdin jokkupaw id-dar ta' abitazzjoni mingħajr titolu validu ta' kera,* ***għar-raġuni li l-ftehim ta' kiri ma jissodisfax ir-rekwiżiti bil-miktub ad validitatem fi ftehim ta' kiri*** *jew li għalkemm jissodisfa r-rekwiżiti bil-miktub ad validitatem ma ġiex reġistrat skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;* ***(enfasi tal-Qorti).***

---

*strict liability may be imposed where a person is placed on notice to guard against the possibility of inadvertent contravention. . Il-Professor Mamo jgħallem ukoll: 'In determining whether an Act does create this more stringent prohibition, regard must be had to the object of the statute, the words used, the nature of the duty, the person upon whom it is imposed, the person by whom it would in ordinary cases be performed, and the person upon whom the penalty is imposed. In general, where the words of a modern statute amount to an absolute prohibition of a certain act without any reference to the state of mind of the actor, 'mens rea' is not an essential ingredient of the offence; and in such a case any inquiry as to the intent which actuated the accused would be immaterial – except, perhaps, with a view to the mitigation of the punishment. (Blake-Odgers, op.cit. Vol I. 114). (page 73 ). 32. Ikun għalhekk ifisser illi fejn il-Leġislatur ried li jimponi regoli stringenti sabiex jinfurza aħjar ċerti projibizzjonijiet, il-formula adoperata mil-Liġi tkun tali li ma tippermettix deroga minn tali regoli. U huwa mit-test tal-Liġi stess li jemerġi kif is-sanzjoni hemmhekk ikkontemplata u r-reita' għall-ksur tal-istess tiskatta mal-mument illi jiġi ppruvat fattwalment kif ikun hekk sar dak il-ksur. U allura l-istat mentali tal-aġent tar-reat ma jkunx element essenzjali li jrid jiġi ppruvat hekk kif il-ksur innifsu jammonta għar-reat komplut u integrat. Biss, il-kunċett ta' 'strict liability' a differenza ta' dak ta' 'absolute liability', jippermetti ċerti difiżi lill-akkużat u dan kif diġa' intqal."*

[20] Permezz tal-Att XX tas-sena 2024 seħħew emendi kemxejn estensivi fil-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi huwa ovvju għal din il-Qorti li din l-emenda seħħet propju sabiex dik l-interpetazzjoni unika mogħtija f'dik is-sentenza ma terġax tirrepeti ruħa[21].

Illi lura għal każ tagħna, filwaqt li l-Prosekuzzjoni irnexxielha mingħajr dubju turi kemm l-eżistenza ta' dan il-kuntratt (għad-differenza ta' każijiet oħra, l-Qorti kellha quddiema l-inkwilini li taw xhieda dettaljata u linjari) u n-nuqqas ta' reġistrazzjoni tiegħu, l-imputata, għażlet li ma tagħtix testimonjanza sabiex ixekkel l-provi mressqa.

Illi rriżulta ċar u mhux kontradett li dan il-kuntratt ma ġiex reġistrat. L-element materjali tar-reat ġie b'daqshekk sodisfatt.

Illi d-difiża tressaq żewġ argumenti. Fl-ewwel lok (aktar milli argument, iktar tipprova ddaħħal xi dubju) tgħid li ma ġiex pruvat li l-imputata hija **sid** il-fond in kwistjoni. Huwa minnu li l-prosekuzzjoni li għandha tipprova dak allegat minnha, u dan lill'hemm minn kull dubju dettat mir-raġuni[22]. Naturalment, dak id-dubbju m'għandux ikun wieħed assolut, iżda għandu jkun wieħed kalibrat b'tali mod li mhux kull dubbju għandu jfisser awtomatikament li xi imputat jiġi liberat, iżda dak id-dubju għandi jkun wieħed persisenti[23].

---

[21] Ir-referenza hija għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ruth Vella Galea,** (App Nru: 3/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' Diċembru 2022.

[22] Fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Li Tao,** (App Nru: 28/2020) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar il-15 ta' April 2021.

[23] f'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għal dak ġustament raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Neil Falzon,** (App Nru: 851/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Marzu 2023 fejn ġie mfakkar hekk: *"U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq irraġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u*

Illi rispettosament, dan l-argument huwa bla bażi u wieħed fieragħ. Il-liġi titkellem dwar **sid il-kera jew amministratur tal-kera** u mhux il-propjetarju tal-istess. Bil-kemm għalfejn jingħad fit-tul li s-sid tal-propjetà mhux dejjem għandu jedd għall-kera ta' dik il-propjetà f'każ fejn, per eżempju, jkun hemm użufruttwarju[24]. Fuq dan, ma hemmx ħtieġa ta' dilungar inutili. Hija l-intimata biss li tista titqies bħala sid il-kera. Wara kollox, il-liġi hawn diskussa fil-verità titkellem dwar **kull persuna.** L-artikolu 22(1)(a) tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta (fi żmien ta' dan ir-reat) kien jgħid hekk:

> ***<u>Kull persuna li:</u>***
> *(a) tinstab tikkonċedi kwalunkwe fond, jew kwalunkwe spazju separat fih, għal skop residenzjali, li ma jkunx skont id-dispożizzjonijiet tal-Att;*

Illi l-imputata għażlet li tidħol f'dan il-ftehim, u allura assumiet ir-responsabbiltà li toqgħod mal-liġi u tirreġistra l-kirja. Fi kliem ieħor, jekk l-imputata kellhiex il-jedd jew le li tidħol f'dan l-arranġament, hija kwistjoni totalment barranija għall-ħtiġijiet ta' dawn il-proċeduri. Jerġa jingħad, l-aspetti ċivili (addirittura skond id-difiża ta' natura petitorji) m'humiex flokhom f'dawn it-tip ta' proċeduri.

Illi t-tieni argument huwa dar l-aspett temporali tal-akkuża**.** Hawnhekk ukoll, il-Qorti ssib li din id-difiża hija destinata li tfalli. Mill-atti jirriżulta li l-kirja bdiet

---

*li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih".*

[24] Mill-aspett kostituzzjonali u konvenzjonali, per eżempju, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Richard Zahra vs l-Avukat tal-Istat et</u>** (Rik Kost Nru:564/2021/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-25 t'Ottubru 2023 u dik fl-ismijiet **<u>Joseph Pace et vs Avukat tal-Istat et,</u>** (Rik Kost Nru 223/2020/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2023.

fid-29 ta' Diċembru 2021 u spiċċat f'Lulju 2022 (ir-raġunijiet tat-terminazzjoni huma ta' natura ċivili u huma totalment estranji għall-eżaminazzjoni meħtieġa ai fini ta' din il-kawża). L-akkuża tgħid li r-reat seħħ fil-21 ta' Lulju 2022 u fil-ġimgħat u xhur preċedenti. Ir-reat skatta wara li kienu għaddew l-għaxar t'ijiem mill-bidu tal-kirja, u baqa' hekk jipperdura tul il-kirja kollha. Kif tajjeb poġġietha din il-Qorti diversament preseduta:

> *Filwaqt li mill-provi rriżulta li s-7 ta' Diċembru 2021 hija d-data ta' ħruġ tal-ittra mill-Awtorita' lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jibda proċeduri a bażi tal-artikolu 3, 4 u 4(2) tal-Kapitolu 604 u l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9, u f'din id-data l-kirja kienet ilha li ntemmet u għalhekk f'dik id-data ma kienx hemm obbligu ta' reġistrazzjoni, madankollu fl-istess akkuża hemm ukoll referenza għall-ġimgħat u x-xhur preċedenti w allura billi innuqqas ta' reġistrazzjoni tal-kirja baqa' jipperdura mill-1 ta' Jannar 2021 sakemm intemmet isegwi li dan il-perjodu jaqa' fil-parametri taż-żmien indikat fl-akkuża*[25].

Illi għalhekk din il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputata ħatja.

### 3) Piena

Illi l-liġi tagħti diskrezzjoni wiesgħa[26] dwar il-multa li l-Qorti tista' timponi. F'dan il-każ, il-Qorti ma tqisx li għandha tmur għall-minimu assolut għaliex l-argumenti tal-imputata ma ġewx imħaddna minn din il-Qorti. Għalhekk, meta l-Qorti tqis id-durata tal-kuntratt u l-ammont ta' kera mħallas fuq il-kuntratt mhux

[25] Bran meħud mis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sacha Said,** mogħtija minn din il-Qorti kif hemm preseduta nhar il-20 ta' Ottubru 2022.
[26] Il-minimu tal-multa huwa ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) sa massimu ta' għaxart elef Ewro (€10,000).

debitament reġistrat[27], issib li għandha timponi multa ta' tlett elef Ewro (€3,000)[28].

## 4) Konklużjoni

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 3, 4, 4(2) u 22 tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha u qiegħda tikkundanna lill-ħatja tħallas multa ta' tlett elef Ewro (€3,000) li għandha titħallas immedjatament.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

[27] Il-kera hawn kienet ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) fix-xahar.

[28] Dwar dan il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dominic Azzopardi,** (Każ Nru: 6145/2023) mogħtija minn din il-Qorti nhar il-21 ta' Marzu 2024 (mhux appellata).